# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 18

Il-Ħamis 21 ta' Awwissu 2025

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġużè' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Ħamis 21 ta' Awwissu 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur John Farrugia – Kunsillier
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur John Cassar - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Munxar

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

**18.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġija;**

18.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti u għalhekk ma kienx hemm ittri ta’ apoloġija.

**18.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

18.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 15 u l-minuti tal-laqgħat b’urġenza bin-numru 16 u 17 ġew ċirkolati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

18.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta’ kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

18.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

**18.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

18.3.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill flimkien ma’ entitajiet oħra organizza b’suċċess diversi attivitajiet fosthom il-*Gozo Ceramics Festival, Xlendi Sunset Festival, X’Ra Il-Baħar*, l-*open weekend* tat-Torri tax-Xlendi, l-Ġostra Tradizzjonali u l-Festa tax-Xlendi. Dan filwaqt li fix-Xlendi kull nhar ta’ Ħadd qed ikun hemm il-programm *I Love Xlendi*.

18.3.2 Is-Sindku fakkar ukoll lill-membri bl-attivitajiet li jmiss fosthom attivita’ flimkien ma’ Heritage Malta *The Shipwreck Festival* nhar id-29 u t-30 ta’ Awwissu kif ukoll l-*musical* fil-Pjazza tal-Knisja l-Munxar *L-Appostlu tal-Ġnus*. Fir-rigward tal-*muscial*, il-Kunsill ottjena fondi mill-Kunsill Reġjonali Għawdex biex tittella’ esebizzjoni tal-ilbies u ritratti.

Kunsill Lokali Il-Munxar

## 18.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

18.4.1 Il-Viċi Sindku Carmela Parnis ressqet suġġeriment sabiex il-Kunsill jagħmel parkeġġ dedikat għall-muturi fi Triq Puniċi fix-Xlendi kif ukoll jitlob għal aktar monitoraġġ mill-entitajiet tal-infurzar, fir-rigward ta' skart mormi llegalment, f'din l-istess triq. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill iressaq dawn it-talbiet lill-entitajiet konċernati.

18.4.2 Il-Kunsillier Mark Busuttil saħaq dwar aktar azzjoni mid-Dipartiment tas-Sanita' fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex u L-Ippjanar fuq il-problema tal-ġrieden fejn il-*boathouses* fi Pjazza Anfori fix-Xlendi. Kien hemm qbil sabiex tintbagħat komunikazzjoni li dan id-dipartiment.

18.4.3 Il-Kunsillier John Cassar staqsa dwar il-possibilta' sabiex tiġi nstallata tabella fi Triq Ras il-Bajjada qabel tibda Triq San Pawl fil-Munxar, biex tindika prijorità lill-vetturi li sejrin fid-direzzjoni mix-Xlendi lejn il-Munxar. Huwa qal li din tevita' konġestjoni tat-traffiku f'dik il-parti tat-triq. Kien hemm qbil mill-membri sabiex tintbagħat din it-talba lil Transport Malta.

18.4.4 Il-Kunsillier John Farrugia staqsa dwar il-possibilta' ta' traffic management plan għal junction ta' Triq Marziena – Triq Santa Dminka u Triq Profs Ġużè Aquillina fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill iqabbad lill-Perit jagħmel din il-pjanta għall-kunsiderazzjoni ta' Transport Malta.
Huwa fakkar ukoll dwar it-tneħħija ta' għatba fi Triq Puniċi li saret illegalment fit-triq, liema xogħol kien approvat f'laqgħa preċedenti.

## 18.5 Proġetti u Inizjattivi fil-Lokalita';

18.5.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, għarraf lill-membri li t-talba tal-Kunsill għall-estensjoni tal-proġett ta' Triq Santa Dminka mal-awtoritajiet konċernati ġiet approvata u għaddej ix-xogħol amministrattiv biex jiġi żgurat li l-proġett ikun komplut u mplimentat b'suċċess.

18.5.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li wara li l-Kunsill ottjena fondi Ewropej tal-programm LEADER amministrat mill-Gozo Action Group Foundation miżura numru 4 : "Rejuvinating Gozo", l-amministrazzjoni tal-Kunsill għaddejja b'ħidma kontinwa biex



Kunsill Lokali Il-Munxar

jintlaħqu d-dati ristretti biex dan il-proġett jiġi komplut. Hu fakkar kif b'dan il-proġett il-Kunsill Lokali ser jibdel il-bankijiet tal-konkos u l-*picnic tables* ta' matul ix-xtajta tax-Xlendi, kif ukoll il-*planters* ta' Triq il-Kantra. L-NGOs imsieħba fil-proġett, is-Sezzjoni Żgħażagħ Pawlini Munxarin u Munxar Falcons FC, ser jimmodernizzaw is-sistemi tagħhom u jakkwistaw tagħmir sportiv. Dwar dan il-proġett is-Sindku ressaq proposta sabiex issir talba għall-estensjoni tad-data tat-tlestija sal-aħħar ta' Settembru 2025 sabiex jiġi żgurat li l-proġett ikun komplut u mplimentat b'suċċess. Kien hemm qbil mill-membri preżenti.

18.5.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill għaddej ukoll fuq il-proġett tal-kummissjoni u l installazzjoni tal-bust tal-Professur Ġuże' Aquilina liema xogħol mistenni jkun lest sal-aħħar ta' Diċembru 2025 b'fondi taħt skema tal-aġenzija LESA. Huwa għarraf lill-membri li x-xogħol mistenni li jibda fil-jiem li ġejjin.

18.5.4 Dwar il-bdil ta' żewġ siġar tal-palm fi Trejqet il-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi, is-Sindku għarraf lill-membri li għaddej il-proċess tal-evalwazzjoni tal-offerti mill-bord maħtur fil-laqgħa preċedenti. Ladarba issir l-evalwazzjoni u l-Kunsill japprova r-rakkomandazzjoni tal-bord, ix-xogħol ikun jista' jibda hekk kif il-Kunsill jirċievi l-approvazzjoni tal-fondi mill-aġenzija *Project Green*.

18.5.5 Is-Sindku għarraf lill-membri li hekk kif maqbul fil-laqgħa tal-Kunsill numru 11 ta' din il-leġislatura, il-Kunsill issottometta l-applikazzjoni għall-fondi taħt l-iskema SPI/SCI/07/2025 sabiex isir xogħol ta' riġenerazzjoni tal-Ġnien Ġebla tal-Poplu fi Triq 12 ta' Diċembru 1957 fil-Munxar.

**18.6 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;**

18.6.1 Applikazzjoni għall-permess ta' divertiment mill-Kunsill:

- Attivita' Soċjali f'Xatt ix-Xlendi – 13 ta' Settembru 2025;
- Musical "L-Appostlu tal-Ġnus" imtella' mill-Parroċċa tal-Munxar fi Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar – 17/18/19/20 ta' Settembru 2025;
- Attivita' Soċjali għat-Tfal organizzata mill-Kunsill Lokali Il-Munxar fi Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar - 21 ta' Settembru 2025;

Kunsill Lokali Il-Munxar

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni u approva l-permessi ġaladarba l-Kunsill jirċievi *no objection* tal-Pulizija u ta’ Transport Malta fejn applikabbli.

18.6.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Direttorat għall-Wirt Kulturali fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex u L-Ippjanar dwar il-kalendarju tal-attivitajiet tal-Karnival 2026. Kien hemm qbil mill-membri sabiex tintbagħat risposta li l-Karnival 2026 fil-Munxar se jsir nhar il-Ħamis 12 ta’ Frar 2026 u tiġi sottomessa talba għal-għajnuna finanzjarja ta’ €5,000.

18.6.3 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Parroċċa tal-Munxar bi stedina sabiex il-membri tal-Kunsill jattendu għall-*musical* li ser jittella’ nhar id-19 u l-20 ta’ Settembru 2025. Il-membri apprezzaw dan il-ġest u l-Kunsill ser ikun qed jibgħat id-dati ta’ meta l-membri ser jattendu.

18.6.4 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand “Light Pollution Awareness Group – The Astronomical Society of Malta” dwar l-użu ta’ dawl artifiċjali matul il-kosta tax-Xlendi. Il-Kunsill innota l-kontenut.

18.6.5 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand “Gozo 7 Swim team” li ser ikunu qed jorganizzaw l-għawma ta’ Neil Agius biex jiżdied l-għarfien dwar l-identita’ Maltija u r-reżiljenza tal-bniedem fil-ħajja ta’ kuljum. F’din il-korrispondenza ġie mitlub sabiex il-Kunsill jipprovdi numru ta’ kuntatt peress li l-għawna ser tinvolvi l-bajja tax-Xlendi. Il-Kunsill innota l-kontenut u ser jipprovdi l-informazzjoni mitluba.

18.6.6 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Direttur Ġenerali fi ħdan id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar espressjoni ta’ interess fuq tabelli informattivi fuq l-użu tal-kannabis fi spazji pubbliċi. Il-Kunsill innota l-kontenut.

18.6.7 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Direttorat għall-Wirt Kulturali fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex u L-Ippjanar dwar l-attivitajiet tal-Milied 2025 f’Għawdex sabiex il-Kunsill jissottometti l-informazzjoni tal-attivitajiet proposti u talbiet ta’ fondi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex tingħata l-informazzjoni mitluba u ssir it-talba għall-għajnuna finanzjarja biex jittella’ l-programm t’attivitajiet għall-Milied 2025 fil-Munxar bħalma jsiru kull sena.

Kunsill Lokali Il-Munxar

18.6.8 Ċirkulari Nru AKL 2025/045 – Request to Illuminate Landmarks in Purple for Intersex Awareness Day (25-28 October). Il-Kunsill innota l-kontenut.

18.6.9 Ċirkulari Nru AKL 2025/046 – Manutenzjoni ta' Defibrillaturi Awtomatiċi Esterni (AED) taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

18.6.10 Ċirkulari Nru AKL 2025/047 – Ingħaqdu magħna fil-"Smart City Expo2025" – Esperjenza u Opportunitajiet ta' Kollaborazzjoni. Il-Kunsill innota l-kontenut.

18.6.11 Ċirkulari Nru AKL 2025/048 – LOGREENER Project launches its toolkit for sustainable energy planning. Il-Kunsill innota l-kontenut.

18.6.12 Ilment 45/2025
Residenta titlob sabiex jitnaddaf it-tarag li jagħti għall-baħar fejn il-gabbana tal-ikel f'Xatt ix-Xlendi peress li jiżloq u hemm il-periklu. Kien hemm qbil mill-membri sabiex tinġibed l-attenzjoni tal-*beaches section* tad-Dipartiment tal-Indafa Pubblika fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex u l-Ippjanar.

18.6.13 Ilment 46/2025
Residenta tiġbed l-attenzjoni dwar materjal tal-bini li qed jintefa' ġo għalqa fi Triq Ranċiż fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex isir rapport mal-awtoritajiet konċernati minħabba li hija art privata.

18.6.14 Ilment 47/2025
Residenta titlob sabiex isir tindif u ħasil fi Pjazza Anfori filwaqt li tiġi nstallata tabella taħt is-siġar biex vetturi ma jipparkjawx minħabba l-ħmieġ tal-għasafar. Kien hemm qbil mill-membri sabiex isir tindif fi Pjazza Anfori iżda ma kienx hemm qbil li ssir it-tabella proposta.

18.6.15 Ilment 48/2025
Residenta tiġbed l-attenzjoni ta' riħa qawwija tad-drenaġġ fi Triq Puniċi u Triq San Xmun fix-Xlendi. Is-Sindku wieġeb li d-Dipartiment tas-Sanita' għaddej b'ħidma kontinwa dwar dan u qed jispezzjonaw kull *house connection* ta' dawk l-inħawi.

Kunsill Lokali Il-Munxar

18.6.16 Ilment 49/2025
Resident jilmenta dwar nuqqas ta' aċċessibilta' fil-bajja tax-Xlendi minħabba terzi persuni/stabbilimenti. Kien hemm qbil mill-membri sabiex tinġibed l-attenzjoni tal-Pulizija tal-Komunita'.

18.6.17 Ilment 50/2025
Residenta titlob sabiex isir aktar tindif u ħasil fi Pjazza Anfori u Xatt ix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri biex isir dan ix-xogħol.

18.6.18 Ilment 51/2025
Resident jilmenta dwar akkumulazzjoni ta' boroż taż-żibel li qed jinħarġu mhux skond l-iskeda u qed jintefgħu f'post wieħed fi Triq Puniċi fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jgħarraf b'dan lill-awtoritajiet konċernati biex isir aktar infurzar f'dan il-post.

18.6.20 Ilment 52/2025
Residenta tiġbed l-attenzjoni ta' rampa u *double yellow lines* li ma messhomx saru ma' ġenb garaxx fi Triq Żirżieb fix-Xlendi għax il-garaxx mhux qed jintuża għall-vetturi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dan l-ilment jgħaddi għall-attenzjoni tal-awtoritajiet konċernati.

18.6.21 Ilment 53/2025
Resident jitlob sabiex isiru *double yellow lines* taħt gallarija li qiegħda ftit fil-baxx u jistgħu jitilgħu ġo fiha faċilment jekk jaqbżu minn fuq karozza. Ma kienx hemm qbil mill-membri dwar din it-talba.

18.6.22 Ilment 54/2025
Residenta titlob sabiex isiru *double yellow lines* ma' ġenb il-garaxx tagħha fi Triq L-Għar ta' Karolina fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

18.6.23 Ilment 55/2025
Residenta titlob sabiex isir xogħol ta' qtugħ ta' ħaxix f'passaġġ fi Triq Ras il-Bajjda fil-Munxar. Kien hemm qbil dwar dan mill-membri.

18.6.24 Ilment 56/2025
Persuna tiġbed l-attenzjoni ta' vettura abbandunata u materjal ieħor 'il ġewwa fi Triq Kantra fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dan l-ilment jiġi sottomess għand l-awtoritajiet konċernati.

Kunsill Lokali Il-Munxar

18.6.25 Ilment 57/2025

Residenta titlob sabiex l-awtoritajiet konċernati jieħdu l-azzjonijiet u l-prekawzjonijiet neċessarji sabiex il-kwalita' tal-baħar fix-xlendi tkun tajba. Il-Kunsill innota li l-ilment kien indirizzat lill-Awtorita' Maltija għat-Turżmu u għalhekk se jkompli jsegwi din il-korrispondenza u jekk ikun il-bżonn issir laqgħa ma' din l-awtorita'.

18.6.26 Ilment 58/2025

Residenta tilmenta dwar boroż tal-iskart li qed jinħareġ mhux skond l-iskeda u titlob għal aktar tindif fi Triq Puniċi fix-Xlendi. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil li flimkien mad-Dipartiment tal-Indafa Pubblika ser isir aktar xogħol ta' tindif f'din it-triq.

18.6.27 Ilment 59/2025

Resident jitlob sabiex issir bankina ġdida ma' post ġdid fi Triq Ġostra fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex tiġi sottomess din it-talba fis-sistema tal-Ministeru Għal Għawdex u L-Ippjanar.

## 18.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

18.7.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 18/2025-9 għall-perjodu bejn is-16 ta' Lulju 2025 u l-21 ta' Awwissu 2025 li tammonta għal €46,669.68 ġiet approvata u ffirmata. Il-Viċi Sindku Carmela Parnis kienet il-proponent filwaqt li l-Kunsillier John Cassar s-sekondant.

## 18.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

18.8.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.15 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Erbgħa 24 ta' Settembru 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, l-Erbgħa 24 ta' Settembru 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Kunsill Lokali Il-Munxar